32005D0581

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Lulju 2005

l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' l-isomaltulose bħala ikel ġdid jew bħala ingredjent ġdid ta' l-ikel skond ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 2776)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2005/581/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar ikel ġdid u ingredjenti ġodda ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Marzu 2004 Südzucker AG għamlu talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja sabiex jitqiegħed fis-suq l-*isomaltulose* bħala ikel ġdid jew bħala ingredjent ġdid ta' l-ikel.

(2) Fl-1 ta' Ottubru ta' l-2004 il-korp kompetenti għall-evalwazzjoni ta' l-ikel tal-Ġermanja ħareġ rapport ta' evalwazzjoni inizjali. F'dak ir-rapport waslu għall-konklużjoni li l-użu li ġie propost għall-*isomaltulose* huwa mingħajr riskju għall-konsum mill-bniedem.

(3) Il-Kummissjoni ressqet ir-rapport ta' evalwazzjoni inizjali lill-Istati Membri kollha nhar it-30 ta' Novembru ta' l-2004.

(4) Fi żmien il-perjodu ta'-sittin jum stipolat skond l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tqajmu oġġezzjonijiet raġunati għat-tqegħid fis-suq tal-prodott skond dik id-dispożizzjoni. L-oġġezzjonijiet/il-kummenti ġew diskussi ma' l-Istati Membri fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti nhar l-14 ta' Frar 2005 in konnessjoni ma' l-ewwel talba li ġiet sottomessa minn Cargill għat-tqegħid ta' l-*isomaltulose* fis-suq Komunitarju.

(5) Rigward l-informazzjoni dwar in-nutriment inkluża fit-tikkettar u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel li fihom l-*isomaltulose*, tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KE ta' l-24 ta' Settembru 1990 dwar it-tikkettar ta' oġġetti ta' l-ikel b'informazzjoni dwar in-nutriment [2].

(6) Abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni inizjali, ġie stabbilit li l-*isomaltulose* huwa f'konformità mal-kriterji stipolati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(7) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-*isomaltulose* kif speċifikat fl-Anness, jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ikel ġdid jew ingredjent ġdid ta' l-ikel għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel.

Artikolu 2

L-isem uffiċjali "isomaltulose" irid jidher fuq it-tikkettar tal-prodott innifsu jew fil-lista ta' ingredjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jkun jinsab fihom.

Permezz ta' *footnote* murija b'mod prominenti abbinata ma' l-isem uffiċjali *isomaltulose* bl-użu ta' asterisk (*), għandhom jidhru l-kelmiet "l-isomaltulose huwa sors tal-glukosju u tal-fruttosju". Il-kelmiet iridu jkunu b'tipa ta' mill-inqas l-istess qies ta' dawk tal-lista ta' l-ingredjenti nnifisha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Südzucker AG Mannheim/Ochsenfurt, Maximilianstraβe 10, D-68165 Mannheim.

Magħmul fi Brussell, nhar il-25 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 276, 6.10.1990, p. 40. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/120/KE (ĠU L 333, 20.12.2003, p. 51).

ANNESS

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' L-ISOMALTULOSE

Definizzjoni:

Bħala *disaccharide* li għandu proprjetajiet ta' riduzzjoni li jikkonsisti minn parti ta' glukosju u parti ta' fruttosju mwaħħlin ma' xulxin permezz ta' katina li tissejjaħ *alpha-1,6- glucosidic*. Jista' jinħoloq minn proċess enżimatiku fuq is-sukrosju. Il-prodott kummerċjali huwa il-*monohydrate*.

Isem kimiku

6-O-a-D-glucopyranosyl-D-fructofuranose, monohydrate


numru CAS

13718-94-0

Formula kimika

$C_{12}H_{22}O_{11} \cdot H_2O$

Formula strutturali



Piż tal-formula

360.3 (*monohydrate*)

Assay

Mhux inqas minn 98 % bbażat fuq il-piż dessikat

Deskrizzjoni

Kważi bla riħa, kristalli bojod jew kważi bojod b' togħma ħelwa

Telf mid-dessikkazzjoni

Mhux iktar minn 6,5 % (60 °C, 5h)

Ċomb

Mhux iktar minn 0,1 mg/kg

Ikseb permezz ta' teknika xierqa ta' l-assorbiment atomiku fuq il-livell speċifikat. L-għażla tal-qies tal-kampjuni u l-metodu tal-preparazzjoni tal-kampjuni jistgħu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-metodu deskritt fl'FNP 5 ([1]), "Metodi strumentali".

([1]) Karta 5 Rev 2 dwar Ikel u Nutriment – Gwida għall-ispeċifikazzjonijiet ta' avviżi ġenerali, teknika ġenerali analitika, testijiet ta' identikazzjoni, soluzzjonijiet għat-testijiet u materjali ohrajn ta' referenza. (JECFA) ta' l-1991, 322 paġna. Ingliż – ISBN 92-5-102991-1